# FRANCESCO ZAHRA

## *Il-Pittur li kompla l-Vara ta' San Bartilmew*

minn Julian Bezzina

FRANGESCO ZAHRA



Frangesco Zahra kien l-aqwa pittur Malti tas-seklu tmintax (1701 - 1800). Twieled fl-Isla fil-15 ta' Diċembru 1710 minn Pietru Paolo Zahra u Agostina nee' Casanova. Semmewh Vincenzo, iżda hu kien magħruf bħala Frangesco. L-Isla hija l-belt qatt mirbuħa li tat lil Malta nies kbar magħrufa fl-arti. L-antenati tiegħu kienu skulturi u naġġara tal-ġebel. Missieru, Pietru Paolo Zahra għamel xogħol ta' l-iskultura fl-altar ta' San Ġużepp fil-Knisja Parrokkjali tagħna. Dan kien meqjus bħala wieħed mill-aqwa skulturi ta' żmienu. Nannuh min-naħa t'ommu, flimkien ma' ħuh Antonio kienu dawk li għamlu l-iskultura ferm sabiħa ta' l-altar ta' San Bartilmew (Tal-Kor). Minħabba f'hekk il-familja ta' Zahra kienet imlaqqma 'Ta' l-iskalpellin'. Francesco Zahra, għalkemm nafu li għamel ukoll xi xogħol ta' l-iskultura, ma qabadx din is-sengħa iżda dik tal-pittura.

Fl-1743 Francesco Zahra żżewweġ lil Tereża Fenech li kienet qariba tal-pittur Gian Nikola Buhagiar. Minn dan iż-żwieġ twieldu ħames ulied iżda tnejn minnhom mietu żgħar. B'xorti ħażina l-mara tiegħu Tereża mietet fis-27 ta' Mejju 1751 u ħallietlu lit-tliet uliedu l-oħra żgħar. Hu mar joqgħod il-Belt Valletta qrib il-pittur Gian Nikola Buhagiar u għalhekk ħafna huma tal-fehma li tgħallem il-pittura għand dan il-pittur, għalkemm l-istil tal-pittura tiegħu hi ftit differenti.

Il-pittura ta' Zahra hi ta' stil Barokk Naplitan u għalhekk il-kritiċi ta' l-arti ma jafux mnejn hu ħa din it-teknika. Barra minn hekk hu pinġa l-figuri prinċipali mdawla fil-kwadri tiegħu, fil-waqt li t-trufijiet tal-kwadri mudlama. Din it-teknika kienu jużawha pitturi kbar bħal Antoine de Favrey, u Harmenz Rembrandt, u hija magħrufa bħala 'chiaro scuro'.

Bil-pittura tiegħu Frangesco Zahra żejjen ħafna knejjes, palazzi u mużewijiet f'Malta

u f'Għawdex. Il-Bażilika ta' Birkirkara għandha l-akbar pittura li hu għamel: Il-kwadru titulari ta' Sant' Elena. Fil-waqt li l-isbaħ pittura tiegħu hija s-saqaf ta' l-Awla Kapitulari tal-Katidral ta' l-Imdina: :Il-glorja ta' San Pawl". Zahra pinġa wkoll il-kwadru ta' San Pawl fil-Knisja ta' San Pawl tat-Tarġa. Bħal pitturi Favrey u Rembrandt hu pinġa għad ta' pitturi-ritratti ta' nies prominenti, bħal Gran Mastru De Vihena, l-Isqof Pellerano u l-Isqof Alferan De Bussan. Dawn il-kwadri-ritratti huma l-aktar li juru l-kapaċità ta' Zahra, għax mhux biss iridu jogħġbu lil min jarahom iżda wkoll lil min jirrappreżentaw.



Il-pittura tal-Madonna tal-Buon Kunsill li tinsab fil-Knisja Parrokkjali tal-Għargħur, hi xogħol ta' Frangesco Zahra

Wieħed forsi jistaqsi x'konnessjoni għandu dan il-pittur mar-raħal tagħna? Bħal fi rħula oħra, il-Knisja parrokkjali tagħna għandha pittura li hi attribwita' lilu, għax hu ma kienx jiffirma l-kwadri kollha li kien ipinġi. Il-kwadru tal-Madonna tal-Buon Kunsill li fih id-data ta' 1763 hu wieħed mill-kwadri li pinġa għall-parroċċa tagħna. Dan il-kwadru kemm fit-teknika kif ukoll fil-figuri juri biċ-ċar li hu xogħol ta' Zahra. Il-kwadru tal-Madonna taċ-Ċintura wkoll hu attribwit lilu, minħabba x-xogħol dettaljat tal-figuri li fih. Barra minn dawn iż-żewġ kwadri tal-kor, għalkemm huma magħmula bl-istess stil u teknika tiegħu setgħu saru mill-allievi tiegħu u jixbħu ħafna lix-xogħol tiegħu fil-kwadri laterali tal-kor tal-Knisja Parrokkjali ta' l-Isla.

Iżda r-rabta li tgħaqqad lir-raħal tagħna ma' Zahra hi l-vara ta' San Bartilmew, ferm għażiża għalina l-Għargħurin. L-istoriku Achille Ferris fil-ktieb tiegħu: "Descrizione delle chiese di Malta e Gozo" kiteb hekk: La statua portabile di San Bartolomeo e bell'opera in legno esegiuta a Roma pero perfezionata da Frangesco Zahra. Dan jikkonfermah il-Professur Stefano Zerafa, li twieled fir-raħal tagħna, fid-diskors li kien għamel fl-1 t'Ottubru, 1850 fuq l-istorja artistika ta' Malta. Meta f'Settembru 1772, waslet fir-raħal tagħna minn Ruma l-vara ta' San Bartilmew. Dun Stiefnu Mifsud kiteb

lill-isqof Mons. Pellerano li din kienet għada injam u għalhekk kellu bżonn 200 skud oħra biex ikompliha. Fir-rikors tiegħu hu talab lill-isqof biex jieħu dawn il-flus mid-dħul tal-knejjes firjali tar-raħal. L-isqof Pellerano laqa' din it-talba fit-23 ta' Settembru 1772. B'hekk setgħet titkompla din il-vara.

Nafu li meta l-vara waslet Malta minn Ruma, din kienet għada njam u għalhekk ix-xogħol ta' Zahra kien li jiksiha bil-ġibs, jirfinaha u jiżbogħha. Dan kien isir billi din tinżebgħah ħafna drabi bil-ġibs sa ma jkollha xi żewġ millimetri jew ftit aktar ħxuna ta' ġibs. Xi drabi kienet tinuża x-xoqqa li titwaħħal ma l-injam biex il-ġibs jaqbad aktar u ma jixxaqqaqx maż-żmien. Imbagħad isir l-irfinar u tinżebagħ.

Francesco Zahra kompla l-vara ta' San Bartilmew matul l-aħħar sena ta' ħajtu għax hu miet fid-9 ta' Settembru, 1773. Il-mewt tiegħu hi rreġistrata fil-ktieb ta' l-imwiet tal-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl Nawfragu l-Belt Valletta. Ma nkunux qed ngħidu kollox jekk ma nsemmux li wara x-xogħol ta' Zahra fuq il-vara ta' San Bartilmew, kien sar restawr ieħor minn Wistin Camilleri u wara ġiet indurata mill-magħruf induratur Francesco Coleiro fl-1912.

Għalhekk lilna l-Għargħurin, il-vara ta' San Bartilmew se tibqa' tfakkarna f'dan il-pittur magħruf li kompliha wara li nġabet minn Ruma. L-aktar nhar il-festa meta din titfaċċa fil-bieb tal-Knisja Parrokkjali fil-ħruġ tal-proċessjoni meta l-aħħar raġġi tax-xemx nieżla ta' dan il-jum għażiż għalina jinfirxu fuqha u juruna s-sbuħija ta' din l-opra vera ta' l-arti.


## *LILKOM ĠENITURI!*

Jekk tixtiequ li uliedkom jibdew jitgħallmu
xi strument tal-Banda
tistgħu tibagħtuhom il-Każin.
It-tagħlim hu għat-tfal kollha
minn seba' snin 'l fuq,
kull nhar t'Erbgħa mill-ħamsa 'l quddiem
fil-Każin stess.
It-tagħlim jingħata min-nies professjonali
fil-Mużika u huwa mingħajr ħlas!!